MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Numru 796/2014

Il-Pulizija

Spettur Sarah Magri

vs

Alfred Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 854944M akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta' Jannar 2014 bejn it-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) u disgha u nofs ta' filghaxija (21:30hrs) gewwa Triq il-Ferrovija, Santa Venera, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli ta' Victor Bondin numru tal-karta tal-identita' 796856M u cioe' vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni IBF 635, liema hsara tammonta ghal aktar minn € 116.47 izda anqas minn € 1164.67, (Art.325 Kap 9);

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Victor Bondin u lil membri tal-familja taghhom, ir-residenza taghhom, kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Fl-istqarrija tieghu debitament rilaxxata l-imputat irrikonoxxa li kien hu li ghamel il-hsara msemmija fit-tahrika u spiega l-ghala ghamilha.

Apparti l-fatt li l-Qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni ghall-agir tal-imputat, semghat lill-istess imputat jammetti volontarjament u inkondizzjonament l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Semghat wkoll lid-danni fl-ammont ta' €400 thallsu.

In vista ta' dan rat l-Artikolu 325 (b) tal-Kap 9. Tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal-xahar mill-lum.

Mhux il-kaz li tapplika wkoll l-Artikolu 42c tac-citat Kap. Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilita' tieghu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------